BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 31**

**IT-TLIETA 23 T' AWISSU, 2011**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar it-Tlieta 23 t'Awissu, 2011, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Sitt Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: Il-Kunsillier James Cauchi kien skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol pero mhux skużat minħabba l-għażla tal-ġurnata.

**AĠENDA**

1. Aġġudikar ta' Tenders u Kwotazzjonijiet
2. PA 05522/09 - Triq it-8 ta' Dicembru

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**31**/01 **<u>TENDERS</u>**

**31/01/01 KLBO 09/2011 – Produzzjoni ta' CD fuq l-Ambjent**

Il-Kunsill ġie preżentat b'żewġ offerti għall-produzzjoni ta' CD fuq l-ambjent. Dawn kienu:

| | |
|---|---|
| (1) Cyberspace Solutions Ltd | (a) Euro 9440 (b) 11635 |
| (2) Pollo Loco Ltd | (a) Euro 4600 (b) - |

Inġibdet l-attenzjoni li Cyberspace Solutions Ltd qabeż l-aspettattivi tal-Kunsill għax l-offerta tiegħu hija ħafna għola mill-budget.

Għaldaqstant fuq mozzjoni tas-Sindku s-**<u>Sur Joseph Scerri</u>** issekondata mis-Sur Raymond Balzan, il-Kunsill unanimament approva li jgħażel l-offerta ta' Pollo Loco Ltd għax hija l-irħas offerta.

**31/01/02 KLBO 07/2011 – Provediment u Installazzjoni ta' Panelli Fotovoltajiċi għall-uffiċini tal-Kunsill**

Il-Kunsill ġie preżentat b'żewġ offerti għall-provediment u nstallazzjoni ta' panelli fotovoltajiċi għall-uffiċini tal-Kunsill.

L-offerti kienu dawn:
(1) Eco Group - Minn Euro 9,500 sa' Euro 13,368 għal 3,25 sa' 4,5kW
(2) Alberta – Euro 8,913.99 għal 3.6kW

Fuq mozzjoni tas-Sindku s-**Sur Joseph Scerri** ssekondat mis-Sur John Vella, il-Kunsill unanimament approva li jgħażel l-offerta ta' Alberta għax hija l-irħas offerta.

**31/01/03 KLBO 08/2011 – Servizz ta' Contracts Manager**

Il-Kunsill ġie preżentat b'offerta waħda għas-servizz ta' Contracts Manager li kienet tal-Perit William Lewis għal persentaġġ ta' 2.45.

Fuq mozzjoni tas-Sindku **s-Sur Joseph Scerri**, issekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill unanimament għażel l-offerta tal-Perit William Lewis għax mill-esperjenza joffri servizz tajjeb u effiċjenti.

**31/02 PA 05522/09 – TRIQ IT-8 TA' DIĊEMBRU**

Is-Sindku qal li ftit tal-ġimgħat ilu qabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jgħamel pjanta li tindika l-qisien u l-pożizzjoni tal-ħofor ta' l-arbli tal-festa.

Id-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Perit Raymond Farrugia, bagħat pjanta l-Kunsill fejn tindika l-ħofor kif qegħdin fil-preżent u kif huma proposti li jsiru ladarba jsir il-proġett. Kien jidher ċar li kif jitlestaw ix-xogħlijiet, l-arbli tal-festa se jkunu fin-nofs u se jkunu perikolużi apparti li se jkunu f'pożizzjoni li ssirilhom il-ħsara. Skont l-opinjoni tas-Sindku, Transport Malta ma toħroġx permess għalihom. Peress li l-kwistjoni qed titwal ħafna, il-Kunsill unanimament approva li ninkarigaw lill-avukat Pawlu Lia li diġa għandu nformazzjoni fuq il-konfini biex nistudjaw il-każ u tittieħed azzjoni. Sar qbil unanimu li niktbu lid-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħlijiet fejn ninfurmawħ li ma naqblux mal-proposti tiegħu u għaldaqstant ma fadlilniex alternattiva oħra ħlief li nirrikorru għal parir legali.

Fit-8pm il-laqgħa ntemmet u sar aġġornament għall-Ħamis l-1 ta' Settembru, 2011, fis-6.30pm.

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv